# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 206/2014

## tal-4 ta' Marzu 2014

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 601/2012 fir-rigward tal-potenzjal għat-tisħin globali ta' gassijiet serra li mhumiex $CO_2$

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 ([2]) jiddetermina l-potenzjal għat-tisħin globali (GWP) ta' gassijiet serra li mhumiex $CO_2$.

(2) Sabiex jiġi implimentat l-użu tal-*Linji Gwida 2006 tal-IPCC għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra* tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, id-Deċiżjoni 15/CP.17 ([3]) tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) tiddetermina li mill-2015, u sakemm tittieħed deċiżjoni ulterjuri mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, il-valuri tal-potenzjal ta' effett serra (GWP) li għandhom jintużaw mill-Partijiet biex tiġi kkalkulata l-ekwivalenza tad-dijossidu tal-karbonju ta' emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u tal-assorbiment minn bjar tal-gassijiet serra għandhom ikunu dawk imniżżla fl-Anness III tad-Deċiżjoni 15/CP.17.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni mal-metodoloġiji użati fil-kuntest tal-proċess tal-UNFCCC, ir-Regolament (UE) Nru 601/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, kwoti maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem għandhom ikunu validi għall-emissjonijiet għal perjodu ta' negozjar ta' tmien snin, li jibda minn dik id-data. L-aġġustament tal-kwantità tal-kwoti li għandhom jinħarġu mill-1 ta' Jannar 2013 skont l-Artikolu 9a(1) tal-istess Direttiva jiġi ddeterminat billi jiġu kkunsidrati l-valuri tal-potenzjal għat-tisħin globali (GWP) elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 15/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC. Minħabba li r-Regolament (UE) Nru 601/2012 japplika mill-1 ta' Jannar 2013, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll minn dik id-data sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dejta kollha dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrappurtata tul il-perjodu kollu ta' negozjar ta' tmien snin.

(5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30).

([3]) FCCC/CP/2011/9/Add.2, p. 23.

*ANNESS*

It-Tabella 6 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 6: Potenzjali għat-tisħin globali

| Gass | Potenzjal għat-tisħin globali |
|---|---|
| $N_2O$ | 298 t $CO_{2(e)}$/t $N_2O$ |
| $CF_4$ | 7 390 t $CO_{2(e)}$/t $CF_4$ |
| $C_2F_6$ | 12 200 t $CO_{2(e)}$/t $C_2F_6$" |